*Irkejjen storiċi*

# Fdalijiet Preistoriċi Maltin — Il-Menħir

*minn Vincent Zammit*

Meta wieħed jiġi biex jitkellem dwar il-fdalijiet preistoriċi Maltin żgur li jitkellem dwar il-postijiet l-aktar magħrufa. Fil-fatt, għalhekk jien kont ħsibt biex nittratta dwar dawk il-postijiet li wieħed jista' jgħidilhom minuri, u mingħajr ma trid jispiċċaw biex ikunu wkoll fost l-anqas magħrufa.

Semmejna fil-kitbiet tagħna dak il-monument preistoriku magħruf bħala dolmen. Il-lum sejrin insemmu l-fdalijiet l-oħra li huma magħrufa bl-isem ta' menħir. U mingħajr ma trid, l-ewwel ħaġa li hemm bżonn li nitkellmu dwarha hi l-isem stess.

### Menħir — tifsira tal-kelma

Din il-kelma hi wżata minn ħafna persuni madwar id-dinja arkeoloġika ħalli jkunu jistgħu jirreferu għal dawk it-tip ta' monumenti li kulma għandhom hi sempliċiment ġebla wieqfa u xejn aktar. Il-kelma hi probabbilment ta' oriġini Franċiża, anzi biex inkunu aktar preċiżi ta' oriġini mir-reġjun ta' Bretagne, fi Franza. Il-kelma li llum aħna nużaw bħala waħda hi magħmula minn żewġ kelmiet, *men* li tfisser ġebla, u *ħir* li tfisser twila.

F'kelma waħda l-ġebel twil jew wieqaf kien ikun magħruf hekk. Fl-istess ħin wieħed jgħid li mhux ta' b'xejn li din il-kelma kellha tkun addotatta minn kulħadd minħabba l-fatt li f'din il-parti ta' Franza hemm ħafna minn dawn it-tip ta' monumenti, għalkemm wieħed ma jistax jagħmel wisq xebh ma' dawk li nstabu hawn Malta.

Allura x'irid ikun hemm biex ġebla tkun tista' taqa' taħt il-mantell tal-kelma menħir, u għalhekk tkun tista' tiġi protetta? Fil-verità hi ferm diffiċli biex wieħed jasal għaliha, għax dan jiddependi mill-pajjiż li jkun. Hemm postijiet fin-naħa t'isfel ta' l-Italja li ħafna ġebel ta' metru għoli jikkunsidrawhom bħala menħir. F'dak il-każ hawn Malta nistgħu niltaqgħu ma' mijiet jekk mhux eluf ta' ġebel li jista' jaqa' taħt din il-kategorija.

Fl-istess ħin fi Franza, fil-famuż reġjun magħruf bħala Carnac, hemm ġebel li għandu għoli ta' 20 metru. Aktar milli wieħed jipprova jagħti u jwaħħal l-isem ta' menħir ma' kull ġebla li jara, aktar ikun hemm bżonn li wieħed ikun jaf l-istorja ta' l-istess għalqa u l-inħawi, għax dawn fil-biċċa l-kbira jkollhom l-informazzjoni li tista' twassalna għal xi konklużjonijiet aktar konkreti dwar l-użu ta' dawn l-istess fdalijiet.

### Il-menħir f'Malta

Kemm hawn minn dawn il-monumenti fil-gżejjer Maltin? Nibdew biex ngħidu li minn dawn il-monumenti għalkemm għandna numru minnhom imxerrdin ma' diversi postijiet jista' jkun ukoll li oriġinarjament kien hawn aktar. Fl-istess ħin nafu li kien hemm eżempji li wara aktar riċerka spiċċaw biex kienu dikjarati li ma kinux menħir, kif kien maħsub oriġinarjament. Ejjew insemmu uħud minn dawn il-fdalijiet li hawn fostna.

### Il-Menħir ta' Ħal Kirkop

Forsi wieħed mill-aktar magħruf minn dawn il-monumenti hu dak ta' Ħal Kirkop. L-ewwelnett dan hu l-aktar wieħed prominenti għax jidher minn diversi nħawi, u għalhekk mhux bħal ħafna ġebel oħra bħalu, m'huwiex mistoħbi. Dan l-aħħar kien hemm diversi kontroversji dwar dan il-monument preistoriku għax kulħadd ried jgħid tiegħu jekk għandux jiċċaqlaq mill-post li kien jinsab fih jew le.

Jidher li dan il-monument l-ewwel darba li ngħata l-għarfien uffiċjali kien fis-snin 1913-14, meta kien tniżżel fir-rapport annwali tad-Dipartimenti tal-Mużewijiet ta' dak iż-żmien. Jidher li dan il-menħir kien diġà ġarrab xi ħsarat, għax ir-rapport jgħid li hemm indikazzjonijiet li l-ġebla kellha ċertu daqqiet li kienu juru li kien hemm min ried jagħmlu aktar 'perfett'. L-għoli ta' dan il-menħir kien ta' 3.20m, u għal kważi metru miegħu kien hemm ħajt tas-sejjieħ. Fuq nett kien tpoġġa salib tal-ġebel, żgur li xi ħaġa li m'għandha x'taqsam xejn mal-monument proprju. Iżda minħabba dan is-salib l-istess monument kien magħruf bħala *Is-Salib.*



*Il-ġebla l-wieqfa, magħrufa wkoll bl-isem ta' 'menħir' f'Ħal Kirkop*

### Il-Menħir ta' Sant'Anġlu ta' Ħal Far

Fit-triqtna lejn Kalafrana mill-inħawi ta' ajruport, ngħaddu minn quddiem id-dħul għal dawk li kienu l-ajruport ta' Ħal Far fiż-żmien l-Ingliżi. Illum il-ġurnata kulħadd nesa li biex inbena dak l-ajruport kien hemm bżonn li l-Ingliżi jtajru villaġġ żgħir, li kien imdawwar madwar il-kappella ta' Sant'Anġlu. F'għalqa wara l-istess kappella nafu li kien hemm menħir, u għalkemm il-kappella twaqqgħet kollha kemm hi, il-menħir ġie priservat. Illum il-ġurnata din il-ġebla tinsab qalb il-ħaxix, eżattament ħdejn id-daħla għal dan il-kumpless. Oriġinarjament kienet għolja madwar 3.35m.

### Il-Ħaġra l-wieqfa

Viċin l-iskola tal-Qala, Għawdex niltaqgħu ma' waħda minn dawn il-ġebliet weqfin. Għalkemm f'Għawdex niltaqgħu almenu ma' eżempju ieħor ta' menħir, din tidher li hi l-aktar waħda magħrufa. Din il-ġebla hi waħda mill-għoljin, minħabba li tasal sa madwar 3.90m. Sassena 1935 fuq din il-ġebla kien hemm statwa ta' San Ġużepp, il-patrun tal-villaġġ tal-Qala, iżda fuq ordni ta' l-awtoritajiet tneħħiet. Din il-ġebla hi waħda minn dawk li m'humiex maħdumin, fissens li l-ġebla tħalliet fl-istat naturali tagħha u l-istess nies li kienu għamlu użu minnha ma ħasbux biex forsi jillixxawha daqsxejn.

### Konklużjonijiet dwar dawn il-fdalijiet

Sfortunatament minn dawn il-fdalijiet ma tantx nistgħu naslu għal xi konklużjonijiet konkreti. Meta kien hawn l-ewwel interess dwar il-preistorja Maltija kien hemm diversi rapporti ta' fdalijiet ta' din ix-xorta. Iżda kien hemm uħud minnhom li jirriżultaw li ma kinux awtentiċi. Barra minhekk jista' jkun ukoll li wħud minn dawn il-ġebel wieqaf seta' kien l-aħħar ġebla li fadal minn tempju megalitiku. Fuq kollox nistgħu niftakru li ġebla li kienet rappurtata bħala menħir, wara li kienu saru l-iskavi, instab it-tempju ta' Skorba. Mhux ta' b'xejn li wħud minn dawn il-ġebel wieqaf xi mindaqqiet ikun deskritt bħala l-aħħar fdalijiet ta' dawn it-tempji.

Iżda ta' l-oħrajn hu kemmxejn diffiċli li wieħed jasal għal konklużjoni. Dan minħabba l-fatt li kull meta saru skavi arkeoloġiċi mad-dawra ta' dawn il-ġebel, prattikament qatt ma nstab xejn konkret, fuħħar li jista' jagħti ħafna informazzjoni dwar l-istess ġebel. Hu maħsub li dawn setgħu kienu jagħmlu parti minn ritwal funerarju, fejn setgħu wkoll kienu jidfnu xi persunaġġi, forsi l-aktar importanti tal-komunità. Iżda, jekk iddfin isir fi ftit ħamrija, allura dan malajr jintilef, u aħna nispiċċaw biex ma nkunu nafu xejn dwar ir-raġunijiet proprji.

Hemm min jaħseb li dawn setgħu kienu qegħdin jirrappreżentaw xi wieħed mill-allat ta' dawk in-nies. Hu fatt magħruf li fiż-żminijiet ta' warajhom, kemm il-Feniċi kif ukoll il-Griegi, kienu jaduraw ġebel wieqaf. Anki mill-Bibbja wieħed jinduna li kien għad hemm nies li kienu għadhom jipprattikaw dan it-tip ta' kult. Minħabba li qegħdin nitkellmu dwar perijodu fejn ma hemm xejn bilmiktub, allura dawn il-konklużjonijiet jibqgħu dejjem dak li hu maħsub li seta' kien.